**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 6 ta' Ottubru 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**THOMAS CAMILLERI**

**KUMP NUMRU : 573/2021**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Thomas Camilleri detentur tal-karta ta' l-identita Maltija bin-numru 570788M.**

Fejn gie akkuzat talli, **nhar it-12 ta Lulju 2021 ghal-habta tad-09:00 ta filghaxija gewwa l-Gzira u/jew f' dawn il-gzejjer:**

1. B’mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b’ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta’ haddiehor ghad-dannu ta’ **Sandro Galea** u/jew persuni u/jew kumpanija/i ohra;

2. Fl-istess data hin lok u cirkostanzi ghamel qliegh b’qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghad-dannu ta’ **Sandro Galea** u/jew persuni u/jew kumpanija/i ohra;

**Nakkuzah talli nhar it-18 ta Awissu 2021 bejn l-10:30 ta bil-lejl u 11:30 ta bil-lejl gewwa l-Gzira u/jew f’ dawn il-gzejjer:**

3. B’mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b’ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta’ haddiehor ghad-dannu ta’ **Ullah Zain** u/jew persuni u/jew kumpanija/i ohra;

4. Fl-istess data hin lok u cirkostanzi ghamel qliegh b’qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghad-dannu ta’ **Ullah Zain** u/jew persuni u/jew kumpanija/i ohra;

**Nakkuzah talli nhar id-19 ta Awissu 2021 ghal-habta tas-01:00 ta wara nofs in-nhar gewwa tas-Sliema u/jew f’ dawn il-gzejjer:**

5. B’mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b’ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew

ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta’ haddiehor ghad-dannu ta’ **Raymond Saliba** u/jew persuni u/jew kumpanija/i ohra;

6. Fl-istess data hin lok u cirkostanzi ghamel qliegh b’qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghad-dannu ta’ **Raymond Saliba** u/jew persuni u/jew kumpanija/i ohra;

**Nakkuzah ukoll talli nhar is-27 ta Awissu 2021 ghal-habta tal-05:30 ta filghaxija gewwa l-Gizra u/jew f’ dawn il-gzejjer:**

7. B’mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b’ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta’ haddiehor ghad-dannu ta’ **Zhang Pengcheng** u/jew persuni u/jew kumpanija/i ohra;

8. Fl-istess data hin lok u cirkostanzi ghamel qliegh b’qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghad-dannu ta’ **Zhang Pengcheng** u/jew persuni u/jew kumpanija/i ohra;

**Nakkuzah ukoll talli nhar l-28 ta Awwissu 2021 bejn it-08:00 ta filghodu u nofs in-nhar gewwa l-Msida u/jew f’ dawn il-gzejjer:**

9. F’dawn il-gżejjer għamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi għad-dannu **Silvienne Micallef** u/jew ta’ xi persuna/i oħra u/jew entitajiet ohra;

10. Fi Xahar ta' Lulju 2021, f'dawn il-gżejjer xjentament ghamel uzu min att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta qabel ta` dan is-sub-titolu w cioe` *Fuq il-falstifikazzjoni ta skritturi ohra publici jew privati* tal-Kap 9 tal-ligijiet ta Malta ;

11. B'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor ghad-dannu ta' **Silvienne Micallef** u/jew persuni u/jew kumpanija/i ohra;

12. Fl-istess data hin lok u cirkostanzi ghamel qliegh b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu ta' **Silvienne Micallef** u/jew persuni u/jew kumpanija/i ohra;

**Nakkuzah ukoll talli f'xi hin matul il-gurnata ta nhar l-29 ta Awwissu 2021 gewwa l-Gzira u/jew f' dawn il-gzejjer:**

13. F'dawn il-gżejjer għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi għad-dannu **Faro Federico** u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet ohra;

14. Fi Xahar ta' Lulju 2021, f'dawn il-gżejjer xjentament ghamel uzu min att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta qabel ta` dan is-sub-titolu w cioe` *Fuq il-falstifikazzjoni ta skritturi ohra publici jew privati* tal-Kap 9 tal-ligijiet ta Malta ;

15. B'mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika,

ghamel qligh bi hsara ta’ haddiehor ghad-dannu ta’ **Faro Federico** u/jew persuni u/jew kumpanija/i ohra;

16. Fl-istess data hin lok u cirkostanzi ghamel qliegh b’qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghad-dannu ta’ **Faro Federico** u/jew persuni u/jew kumpanija/i ohra;

**Nakkuzah ukoll talli nhar is-30 ta Awissu 2021 ghal-habta tad-09:00 ta filghodu gewwa San Gwann u/jew f’ dawn il-gzejjer:**

17. B’mezzi kontra il-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b’ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta’ haddiehor ghad-dannu ta’ **Redeemer Mallia** u/jew persuni u/jew kumpanija/i ohra;

18. Fl-istess data hin lok u cirkostanzi ghamel qliegh b’qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghad-dannu ta’ **Redeemer Mallia** u/jew persuni u/jew kumpanija/i ohra;

**Nakkuzah ukoll talli nhar it-02 ta Settembru 2021 ghal-habta tas-02:30 ta wara nofs in-nhar f’ dawn il-gzejjer:**

19. Ikkometta serq ta flus kontanti u/jew ogetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-‘valur’, u bix-‘xorta tal-haga misruqa’, liema ammont **jeccedi** is-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) izda li ma **jeccedix** l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta **Oliver Pulis** u/jew persuni ohra u/jew kumpanija/i ohra;

**Nakkuzah ukoll talli:**

20. Fix-xahar ta Lulju 2021 u/jew fix-xhur ta qabel f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) **Magistrat Dr.Claire Stafrace Zammit LL.D. fid-digriet datat 2 ta' Mejju 2017** li bih inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, u dan bi ksur ta l-artikoli 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

21. Fix-xahar ta Lulju 2021 u/jew fix-xhur ta qabel f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) **Magistrat Dr.Simone Grech LL.D. fid-digriet datat 20 ta' Settembru 2019** li bih inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, u dan bi ksur ta l-artikoli 579(1) u (2) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

22. Fix-xahar ta Lulju 2021 u/jew fix-xhur ta qabel f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) **Magistrat Dr.M.A.Farrugia LL.D. fid-digriet datat 24 ta' Mejju 2021** li bih inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, u dan bi ksur ta l-artikoli 579(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest ta` l-imputat, tarresta mill-gdid lill-imputat kif ukoll tirrevoka l-garanzija personali li fuqha kien inghata l-helsien mill-arrest.

Il-Qorti hija ukoll gentilment mitluba li titratta ma l-akkuzat bhala recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti hija ukoll gentilment mitluba li f'kaz ta' htija ghal reati hawn fuq imsemijja u jekk jidrilha xieraq tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil

dik il-parti ammont ta’ flus kif jista’ jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara ohra ai termini ta’ l-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija ukoll gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-5 ta` Settembru 2021 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-verbal tal-udjenza ta` llum stess fejn il-prosekuzzjoni ddikjarat li kull fejn hemm l-imputazzjoni imsejsa fuq id-dispost ta` l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9, din tkun inghatat bhala wahda alternattiva ghall-imputazzjoni ta` frodi kif ravvizata fl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9;

Semghet u qieset, wara din id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni, l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu bin-numru (1), (3), (5), (7), (9), (10), (11), (13), (14), (15), (17), (19), (20), (21), u (22) u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti m’ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkundisrat;**

**Illi in tema ta’ piena din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni bikrija tal-imputat in-natura serja ta` l-imputazzjonijiet li ghalihom huwa ammetta, il-kondotta/fedina penali tieghu li hija wahda refrattarja, il-fatt li huwa recidiv, u l-fatt, kif imressaq fis-sottomissjonijiet orali fl-udejnza tallum stess, illi l-imputat huwa afflitt mill-problema tal-konsum tad-droga. Qed jigi meqjus ukoll il-fatt li l-imputat mhux ser jikkompensa lill-vittmi indikati f’dan il-kaz. Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha qed jigu riflessi fil-piena ikkontemplata.**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet numru (20), (21) u (22) ilkoll imsejsa fuq l-Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti sejra timponi l-piena kkontemplata ghar-reat *de quo*. U dana peress li l-Qorti temmen li, f’kaz li l-Qorti tmur oltre mill-piena determinata ghar-reat/i *de quo* u tordna li s-somom – depozitu u garanzija - ghandhom jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta (bil-potenzjalita` li n-nuqqas ta` hlas jissarraf fi prigunerija), dan ix-xenarju potenzjalment jaghti lok ghal ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tal-imputat, din il-Qorti taghmilha cara li mhux sejra taghmel din l-ordni kif mitluba. Il-piena ghal dan ir-reat/i sejra tkun inkorporata fil-piena li ser tigi imposta fl-ahhar ta` din is-sentenza.

**Konkluzjoni.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 579, 308, 310 (1) (c), 309, 183, 184, 261, 267, 271, 279(a) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet migjuba bin-numru (2), (4), (6), (8), (12), (16) u (18), issib lill-imputat hati bhala recidiv, fuq ammissjoni tieghu stess, tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu bin-numru (1), (3), (5), (7), (9), (10), (11), (13), (14), (15), (17), (19), (20), (21), u (22) u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` tletin (30) xahar prigunerija.**

**In oltre il-Qorti qed tordna biss ir-revoka tal-helsien mill-arrest** tal-imputat li huwa kien inghata permezz tad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta, mill-Magistrat Dr.Claire Srafrace Zammit LL.D fid-digriet taghha tat-2 ta' Mejju 2017, dak li kien inghata permezz tad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Magistrat Dr.Simone Grech LL.D fid-digriet taghha ta' l-20 ta' Settembru 2019, u dak li kien inghata permezz tad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Magistrat Dr M.A.Farrugia LL.D fid-digriet taghha ta' l-24 ta' Mejju 2021.

In oltre, in vista ta` dak sottomess oralment fl-udjenza ta` llum, il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur Facilita` Korrettiva ta` Kordin sabiex jaghti kull ghajnuna li jkun jehtieg li jinghata l-hati fil-glieda tieghu kontra l-abbuz tal-konsum tad-droga.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur